# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## Dr CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Seduta mizmuma llum, 22 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru: 382/15 CSH**

**Banif Bank (Malta) plc numru ta' registrazzjoni C41030**

**vs**

**Yanika Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar il-21 ta' Dicembru, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef, tlett mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa w tletin centezmu (€7,353.35) rapprezentanti ammont dovut minnha fuq il-kontijiet taghha mal-kumpanija attrici u specifikament kif ser jinghad hawn taht:

1. Fuq Loan Account Nru. 431885.7.1 u li jikkoncerna self koncess lilha ai termini ta' Credit Agreement datat 9 ta' Lulju 2014 (ara Dok. 'A'), hemm dovut l-ammont ta' hamest elef, seba' mija u sitta w ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu (€5,726.13) u sal-10 ta' Dicembru 2015, tali ammont kien jinkludi

sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€37,34) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'B'); u

2. Fuq il-Credit Card Nru. 4196 7960 0012 3892, koncessa lilha ai termini a' Credit Agreement datat 19 ta' Lulju 2014 (ara Dok. 'C'), hemm dovut l-ammont ta' tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€873.95) u sal-10 ta' Dicembru 2015, tali ammont kien jinkludi Ewro u tmienja u tletin centezmu (€1.38) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'D'); u

3. Fuq il-Current Account Nru. 431885.10.1 li ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni markata bhala Dok. 'E'), hemm dovut l-ammont ta' seba' mija u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€753.27) u sal-10 ta' Dicembru, 2015 tali ammont kien jinkludi Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1.87) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'F'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatata mal-Loan Account u l-Credit Card fuq imsemmija;

L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija attrici:

1. ai termini t'Artikolu 15 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'il fuq ai termini t'Artikolu 11 tal-Credit Agreement marbut mal-Credit Card markat Dok. 'C' u msemmi aktar 'il fuq u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f'dawn id-dokumenti, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a) *Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

n) *Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility*", u

2. ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta mal-istess Current Account (ara Dok. 'G' u Dok. 'H' rispettivament);

Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenuta diversi drabi sabiex thallasha l-ammont dovut minnha, fosthom permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Lulju 2015 u ittra ufficjali numru 1672/2015, mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fit-22 ta' Settembru 2015 li pero' giet kontestata (ara Dok. 'I' u Dok. 'J' rispettivament ) izda hi baqghet inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment;

Bl-imghaxijiet mill-10 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie mifthiehem mal-konvenuta meta fethet il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija (10.5%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 6 u 15 f'Dok. 'A'); bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card (ara Artikolu 4 f'Dok. 'C'); u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u mmarkata Dok. 'K');

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 2101/2015, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll *charges* bankarji mill-10 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'K' gja citat, Dok. 'L' kwantu l-Loan Account u Dok. 'M' kwantu l-Credit Card;

Il-konvenuta hija ngunta in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront taghha.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta' Jannar, 2016, fejn eccepiet is-segwenti:-

*"Illi l-intimata qieghda tikkontesta t-talbiet relattivi partikolarment billi kif gja gabet a konjizzjoni tas-socjeta' attrici qieghda f'posizzjoni thallas ratealment is-self maghmul permezz tal-facilita' bankarja fuq il-loan account numru 431885.71.1 kif trasmess ukoll precedentement tramite korrispondenza legali.*

*Illi qabel ma gew prezentati l-proceduri odjerni, kienu l-istess ufficcjali tas-socjeta' mittenti li nfurmaw lill-intimata illi kellha kull fakolta' terga thallas il-hlas rateali skond il-kundizzjoni tal-loan account u li fil-fatt l-istess intimata kienet lesta ukoll thallas rata mensili ghola sabiex tonora l-ftehim ta' self bankarju.*

*Illi nonnostante cioe, is-socjeta' mittenti pprocediet gudizzjarjament ukoll permezz ta' dawn il-proceduri.*

*Illi l-proceduri gudizzjajri tas-socjeta' atttrici huma intempestivi partikolarment fid-dawl li l-konvenuta qieghda f'posizzjoni tonora l-obbligi kollha tas-self relattiv.*

*Ghaldaqstant l-intimata talbet lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez u bl-imghax kontra ir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez."*

Fid-9 ta' Marzu, 2016 xehed **Elmer Grech** in rapprezentanza tal-bank attrici li ddikjara li jokkupa l-kariga ta' Executive fir-Recoveries Department u kkonferma li Yanika Aquilina bdiet tinqeda bil-bank fejn jahdem hu u kienet applikat ghal xi facilitajiet fosthom Loan Account numru 43188571.1 u Credit Card Facility numru 4196796000123892. Qal li din kienet tibghat il-paga taghha b'mod mensili pero' mbaghad kienet waqfet u sussegwentement kien hemm diversi tentattivi min-naha taghhom fejn sahansitra anki ntbaghtu xi Advisors Letters biex hija tirregola ruhha, pero' cio' nonostante m'ghamlitx il-pagamenti. Sussegwentement baghtu wkoll ittra bonarja minhabba l-ammont li kien ghadu pendenti, u in segwitu baghtu wkoll anke ittra gudizzjarja. Qal li din giet ikkontestata u kien ghalhekk li nfethet il-kawza odjerna. Hu kkonferma illi l-ammonti msemmija fir-rikors promotur ghadhom pendenti sal-lum, naturalment oltre l-imghax li qed jizdied.

Zied jghid li mill-ahhar differiment 'l hawn, *pendente lite*, il-konvenuta regghet bdiet tibghat il-paga taghha, zied pero' li dawn iz-zewg kontijiet ghadhom dovuti. Ikkonferma li l-kawza infethet fuq l-ammont ta' sebat elef, tlett mija u tlieta u hamsin Ewro w hamsa w tletin centezmu (€7,353.35), pero' stqarr illi l-ammont li kien dovut lilhom skont il-Current Account fl-ammont ta' €753.27 thallas u ghalhekk trid issir nota ta' riduzzjoni.

Rat li fis-26 ta' April, 2016 il-bank atturipprezenta nota li permezz taghha informa lill-Qorti li fil-mori tal-kawza l-konvenuta hallset is-somma ta' elf tmien mija w tnejn u ghoxrin Ewro w hamsa w erbghin centezmu (€1,822.45) akkont tal-ammont dovut lilhom u li ghaldaqstant l-ammont mitlub qed jigi ridott minn

sebat elef, tliet mija u tlieta u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€7,353.35) ghal hamest elef, hames mija u tletin Ewro u disghin centezmu (€5,530.90), oltre l-imghaxijiet bir-rata msemmija fl-Avviz tat-Talba odjern u *bank charges* u *fees* kwantu s-somma li ghadha dovuta u l-ispejjez legali kollha.

Fis-seduta tas-27 ta' April, 2016 il-konvenuta Yanika Aquilina pprezentat l-affidavit taghha fejn ikkonfermat li hija ghandha kont bankarju mal-Banif Bank u li ghandha wkoll facilitajiet ta' self bankarju. Hija ddikjarat li fis-sena 2015 kellha mpjieg *full-time* u f'dak iz-zmien dejjem hallset lura r-rati skont il-kondizzjonijiet tas-self. Pero' f'xi zmien hija spiccat bla xoghol u konsegwentement ma setghetx thallas il-pagamenti mensili. Hija kkonfermat li l-bank kien baghtilha ittra fejn gibdulha l-attenzjoni li kienet falliet xi pagamenti.

Sussegwentement bdiet tahdem ma' Tower Supermarket ta' High Street, Sliema u l-principal taghha nfurmaha li kien sar mandat fuq il-paga taghha. Ghalhekk marret il-bank fejn Jane Mifsud, ufficjal tal-istess bank infurmatha li jekk terga' tibda tiddepozita l-paga fil-kont, tkun tista' terga' tibda thallas il-*loan*. Pero' in segwitu ftit jiem wara kienet giet notifikata b'ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn giet infurmata li kellha thallas l-ammont misluf lilha fl-intier tieghu. Hawnhekk, tramite l-avukat taghha, offriet li tibda thallas id-doppju tal-pagament mensili dovut, u dan b'turija tal-*buona fede* taghha, izda l-bank irrifjuta tali offerta w baqa' jinsisti li thallas f'daqqa, w ghalhekk saret il-kawza.

L-intimata tishaq li hija giet zgwidata mill-bank u li giet intimata b'dawn il-proceduri gudizzjarji u hafna spejjez ghal xejn. Qalet li filfatt hija diga' ddepozitat zewg pagi shah biex turi r-rieda tajba taghha, pero' cio' nonostante l-bank attur ghadu qed jissikkaha minghajr gustifikazzjoni.

Qalet li hija nghatat parir sabiex tmexxi kontra l-Bank fit-Tribunal tal-Konsumatur.

Illi nhar it-8 ta' Gunju, 2016 xehdet **Jane Mifsud** u spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' *administrative officer* mal-Banif Bank. Hija tahdem ukoll fir-*recoveries department* u tipprova tigbor id-debiti tal-bank u ghalhekk l-ewwel nett tghid li tipprova taghmel kuntatt man-nies debituri tal-bank u dan bil-ghan li jaslu f'arragament biex jithallas il-kreditu tal-bank. Mistoqsi jekk hija effettivament tkellmitx ma' Yanika Aquilina spjegat li iva tkellmet maghha. Mistoqsija jekk hija zzommx noti spjegat li iva zzomm inkella ma tiftakarx kull kaz.

Spjegat li huma kienu kitbu lil Yanika Aquilina u kienu qalulha biex taghmel kuntatt mar-*recoveries department*. Spjegat li aktar tard ippruvat taghmel kuntatt maghha telefonikament u fl-ahhar irnexxielha u staqsietha biex tasal f'arrangament, hadet nota. Aktar tard taf li l-bank ipproceda permezz ta' ittra gudizzjarja. In segwitu kienet giet u qaltilhom li kienet lesta li tpoggi mija minn kull paga li tircievi u kienu accettaw. Pero' peress li kienu bdew il-proceduri legali u kien hemm il-mandat xtaqet li jnehhulha l-mandat. Pero' l-bank ma kienx dispost li jnehhi l-mandat kontro promessa. Dan peress li kellha *track record* taghha li ma kinitx qed taghmel pagamenti. Pero' l-bank kien lest jaccetta l-offerta taghha li thallas mija fix-xahar biex tibda tnaqqas mid-debitu taghha.

Fit-13 ta' Lulju, 2016 **Jane Mifsud** regghet xehdet in kontro-ezami fejn qalet li huwa minnu li waqt li kienu ghaddejin it-trattattivi bejn il-bank u Yanika Aquilina hija kienet ipproponitilha li l-paga tidhol direttament fil-bank u b'hekk huma jkunu jistghu jiehdu r-*repayments*. Pero' l-konvenuta ma kienitx tatha risposta dwar din il-proposta. Qalet li meta kienet tkellmet mal-konvenuta l-ewwel darba peress li din ma kinitx zammet mal-pagamenti mensili, kien f'Awissu 2015, imbaghad regghet tkellmet maghha fil-bidu ta' Ottubru ta' l-istess sena wara li effettivament kienet gia giet ipprezentata l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A. Ziedet li kien ghalhekk li Yanika Aquilina kienet qalet li tixtieq li tpoggi l-paga u kienet lesta li thallas mensilment, pero' cio'

nonostante baqghet ma poggietx il-paga. Kompliet li meta kellmitha lejn in-nofs ta' Ottubru, kienet qaltilha li l-imghallem taghha kien zammilha l-paga kollha u allura x-xhud kienet spjegajtilha li l-ewwel sebgha mitt Ewro (€700) kellha tohodhom xorta u ssuggeritilha biex tkellem lill-imghallem taghha. Pero' wara dan il-konvenuta baqghet ma kellmithiex lura. Imbaghad una volta giet prezentata l-kawza, l-bank eziga li jithallas l-ammont kollu dovut. Sostniet li l-konvenuta qatt ma ghamlet xi pagament biex izzomm mal-arrangament propost. Qalet li f'Jannar tas-sena 2016 il-konvenuta ghamlet depozitu fil-kont taghha ta' tmien mitt Ewro (€800) u fi Frar ghamlet iehor ta' nine hundred u thirty-two point seventy-eight (€932.78).

Fit-13 ta' Lulju, 2016 xehed **Elmer Grech** li kkonferma li effettivament huwa minnu li l-bank kien hareg numru ta' ittri lill-konvenuta w li in segwitu kien hemm ukoll ittra bonarja. Inoltre, qal, saret ukoll ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A u l-konvenuta rregistrat l-oggezzjoni taghha. Kien ghalhekk li nfethet din il-kawza. Mistoqsi jekk huwiex minnu li kien hemm xi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu ghal xi transazzjoni, wiegeb li huwa minnu li kien hemm xi diskussjonijiet kif effettivament xehdet Jane Mifsud pero' t-tranzazzjoni ma sehhitx. Sostna li din il-kawza hija bazata fuq loan u affarijiet ancillari u naturalment kieku il-konvenuta mxiet mal-ftehim, kellha thallas lura s-self b'mod mensili. Ix-xhud ma setax jghid jekk effettivament fil-mori tat-trattattivi li kien hemm ghaddejin il-konvenuta talbitx zmien sabiex terga' tibda thallas b'mod mensili, ghaliex it-trattattivi saru ma' Jane Mifsud.

**Yanika Aquilina** xehdet fid-19 ta' Ottubru, 2016 u spjegat li hija kienet waqfet thallas il-bank il-pagamenti dovuti fis-sena 2015 meta kienet spiccat bla xoghol. Pero' x-xahar ezatt insiet. Hija fil-fatt kienet damet bla impjieg ghal xi numru ta' xhur. Mistoqsija tispjega x'proposta kienet saret kif imsemmija fl-affidavit spjegat illi meta saret taf illi kien hemm mandat ta' sekwestru fuq il-paga taghha kienet marret il-bank, kienet tkellmet ma' Jane Mifsud u qaltilha li una volta terga' tibda titfa' l-paga taghha fil-bank tkun tista' tibda thaddem l-account

normali u jithallas kollox b'mod normali kif kien qabel u dan kien ftit wara li rceviet il-mandat ta' sekwestru u ghalhekk il-bank kien diga' ha azzjoni gudizzjarja fil-konfront taghha u naturalment hija accettat din il-proposta u spjegat illi effettivament il-paga kienet tohodha bhala cheque.

Hija kienet lesta li taccetta l-proposta tal-bank una volta jitnehha s-sekwestru. Spjegat li effettivament kienu saru wkoll xi depoziti f'Jannar jew Frar 2016 u kienet tefghet zewg pagi hemm u dan wara li l-bank kien fetah il-proceduri. Huwa minnu illi hija kienet offriet il-bank li thallas id-doppju ta' dak dovut lilha mensilment pero' l-bank m'accettax u spjegat li effettivament din il-proposta kienet anke saret bil-miktub tramite l-avukat taghha. Spjegat illi din il-proposta saret bla pregudizzju u obbligat ruhha li tipprezenta kopja ta' din l-ittra. Hija accettat l-ammont imsemmi fir-rikors promotur bhala l-ammont dovut.

**Yanika Aquilina** regghet xehdet fis-7 ta' Dicembru 2017 fejn iddikjarat li fil-mori hija ghamlet xi pagamenti u ghalhekk l-ammont mitlub zgur li m'huwiex dovut u kkonfermat li minn April 2016 ma ghamlet l-ebda pagament iehor.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta nhar l-14 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha pprezentat numru ta' e-mails li gew skambjati bejnha u l-bank attrici . Minn ezami tal-istess u appuntu mill-e-mail mibghuta mill-avukat difensur tal-bank attrici Dr Kevin Cutajar lill-konvenuta nhar it-30 ta' Novembru 2015 jirrizulta li l-bank ma kienx lest li jaccetta l-proposta maghmula mill-konvenita sabiex thallas l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) mensilment lill-bank sabiex tirriduci l-ammont dovut minnha peress li l-passat taghha ma jawgurax tajjeb dwar puntwalita' fil-hlas.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank attrici kifipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Jananr 2017 u n-nota repsonsiva tal-konvenuta pprezentata fir-Registru ta' din l-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2017.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-bank attrici qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas lil bank dak l-ammont li hu dovut lilha rapprezentanti diversi self li l-konvenuta ghamlet mal-bank. Jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenuta ghamlet zewg pagamenti fl-ammont ta' €1,822.45 sabiex tirriduci it-talba attrici taghha u ghalhekk illum il-gurnata it-talba tal-bank attrici hija fl-ammont ta' €5,530.90. Dwar l-ammont li hemm pendenti ma hemm l-ebda pretensjoni bejn il-kontendenti.

Il-Bank attrici qed isostni li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata sabiex thallas l-ammont pretiz minnu filwaqt li l-konvenuta qed teccepixxi fl-ewwel lok li l-azzjoni hija wahda intempestiva u fit-tieni lok fil-fehma taghha l-bank attrici tramite ix-xhud Jane Mifsud kien acccetta li l-konvenuta taghmel pagamenti mensili u ghalhekk l-bank ma setghax jaghmel din il-kawza stante li gie krejat 'novation' u cioe' ftehim gdid.

Dwar l-intempestivita' sollevata mill-konvenuta l-Qorti thoss li tali eccezzjoni hija ghal kollox inammissibbli ghaliex kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet '**Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Limited et'**, Citaz. Nru. 1263/00 deciza fid-29 ta' Ottubru 2002, u abbraccjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal Magistrati fl-ismijiet '**Alan Spiteri u Mariona Spiteri Vs Mark Cuschieri'** deciza fit-23 ta' Mejju 2013 eccezzjoni ta' intempestività minhabba nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez giudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza,

ikollha meritu li kieku l-konvenut jammetti t-talba tal-attur u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kienet tammetti qabel li kieku il-kawza saritilha talba ghall-hlas. Illi pero' fil-kaz in desamina jirrizulta (u dan mhux kontestat) li fil-fatt il-bank attur kien interpella diversi drabi lill-konvenuta sabiex thallas dak dovut minnha sahansitra anke kien pprezenta ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A u l-konvenuta kienet sahansitra anke pprezentat risposta, apparti li s-socjeta' attrici kienet ukoll pprezentat mandat ta' sekwestru u minkejja dan kollu l-konvenuta baqghet inadempjenti. Jirrizulta mir-risposta li saret mill-konvenuta u li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 29 li l-konvenuta kienet minn dejjem disposta li thallas id-debitu taghha b'dan jigifieri li tirrikonoxxi li ghandha debitu mal-bank attur pero' xtaqet li thallas skond modalita' li toghgob lilha u skond dettami krejati minnha, mhux skond dak miftiehem mal-bank. Ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-intempestivita' tigi michuda.

Fin-nota taghha l-konvenuta dwar is-sorte tghid li l-ammont ridott mill-bank huwa ridott u li hija lesta li thallsu pero' skond pagamenti rateali u mhux f'daqqa. Dan qed jinghad minnha minkejja li fil-kuntratt li ffirmat mal-bank, li tabilhaqq jikkostitwixxi *pacta sunt servanda* u *huwa res inter alios acta,* l-pagamenti kellhom isiru skond l-ammont hemm imsemmi b'mod rateali pero' fin-nuqqas il-bank kellu id-dritt li jikkjama il-bilanc kollu restanti u dak hu proprju li ghamel il-bank. Il-fatt li l-bank tramite x-xhud Jane Mifsud kien dispost li jaghti cans lill-konvenuta tirpilja wara li kienet tilfet l-impieg taghha u kienu offrewlha l-alternattiva ta' kif setghet taghmel il-pagament qabel ma jinizjaw dawn il-proceduri, ma jfissirx li in effetti kien hemm xi *novation* kif donnu ried ifisser l-avukat difensur tal-konvenuta.

In-novazzjoni hi mod kif tispicca obbligazzjoni. Skond l-Artikolu 1179 meta debitur jikkuntratta dejn gdid mal-kreditur li jitqieghed flok il-qadim, id-dejn l-antik jispicca.

L-Artikolu 1181(1) tal-Kodici Civili jipprovdi 'ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mibdula.' Hekk ukoll in-novazzjoni 'mhix prezunta'; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car.' (Artikolu 1180[2]).

Fis-sentenza '**Mary Borg et vs Joseph Micallef'** tat-22 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) osservat: "Kif gja gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 1956, in re '**Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat'**, ikun hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghal ohra pre-ezistenti li b'hekk tigi estinta. Izda b'ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta u l-animus novandi ghandu jirrizulta b'mod car u univoku. Inoltre, 'in novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn inkompatibilita bejn l'id quod actum est u l-eskluzjoni talvolonta' li ssir novazzjoni' (Vol. XXIX.iii.80). Inoltre ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata (Vol. XXXI.i.753), ghaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (Vol. XXXV.ii.607)."

Il-Qorti tal-Appell kompliet biex tikkonferma li f'kaz ta' dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Id-diskussjoni li l-konvenuta ghamlet riferenza ghaliha hija konversazzjoni li hija kellha ma' Jane Mifsud fejn Mifsud ghan-nom tal-bank ikkonfermat li l-bank kien ikun lest li jaccetta pagamenti mensili u konsekuttivi diment li l-bank jircievi pagament, haga li ma sehhtix u kien biss fil-mori ta' din il-kawza li l-konvenuta ghamlet il-pagamenti taghha.

Il-konvenuta meta xehdet tammetti li ma onoratx l-modalitajiet ta' hlas kollha li kienu gew miftiehma bejnha u bejn is-sinjura Mifsud. Minn naha tieghu l-bank isostni li gialadarba l-intimata ma onoratx il-pagamenti, kellu kull dritt li

jipprocedi bl-ezekuzzjoni tal-kuntratt iffirmat minnhom peress li ghadu jorbot lill-partijiet.

Hu evidenti li l-commitment tal-bank kien soggett ghall-kundizzjoni li d-debitrici taghmel il-pagamenti bil-mod kif kien miftiehem. Gialadarba ma zammitx mar-repayment programme li ppropona l-bank, l-konvenuta ma tistax tipprova tiehu beneficcju mill-fatt li s-sinjura Mifsud kienet gentili maghha u kienet disposta taghtiha cans iehor biex tirregola ruhha u tevita dawn l-ispejjez.

Imkien ma jinghad li l-bank kien qieghed jirrinunzja ghal dak li kien intitolat ghalih skond il-kuntratti tas-self.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li t-talba tal-bank timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qieghda tilqa' it-talba attrici f'ammont ridott kif jirrizulta min-nota pprezentata mill-bank stess nhar is-26 ta' April 2016 (fol. 40) fl-ammont ta' hamest elef, hames mija u tletin ewro u disghin centezmu (€5,530.90) u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill- bank din l-istess somma.**

**Bl-imghaxijiet mill-10 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie mifthiehem mal-konvenuta meta fethet il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' ghaxra punt hamsa fil-mija (10.5%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 6 u 15 f'Dok. 'A'); bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card (ara Artikolu 4 f'Dok. 'C'); u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u markata Dok. 'K') a karigu tal-konvenuta.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 2101/2015, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll *charges* bankarji mill-10 ta' Dicembru, 2015 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'K' gja citat, Dok. 'L' kwantu l-Loan Account u Dok. 'M' kwantu l-Credit Card a karigu tal-konvenuta.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**